



Brussell, 2 ta' Mejju 2019
(OR. en)

8918/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0087(NLE)**

**MAR 102
OMI 41**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	8155/19 MAR 90 OMI 37
Nru dok. Cion:	7971/19 MAR 83 OMI 32
Suġġett:	Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali waqt l-74 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u l-101 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima, dwar l-adozzjoni tal-emendi tal-Anness II tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri, tal-emendi tal-Kodiċi Internazzjonali dwar il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet waqt il-Kontrolli ta' Bastimenti ta' Tagħbija bl-Ingrossa u Tankers taż-Żejt, 2011, tal-emendi tal-Kodiċi Internazzjonali tat-Tagħmir għas-Salvataġġ, tal-emendi tal-Formoli C, E u P tal-appendiċi tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar u tal-emendi tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Vapuri li jużaw il-Gassijiet jew Karburanti Oħrajn b'Punt ta' Fjammabbiltà Baxx – Adozzjoni

INTRODUZZJONI

1. Fit-28 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill.
2. Il-proposta tikkonċerna l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni għall-74 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC 74) u l-101 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima (MSC 101) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) fir-rigward tal-adozzjoni ta' emendi għal:

- a) l-Anness II tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri ("Anness II tal-MARPOL") (biex jiġi żgurat li jitnaqqas l-impatt fuq l-ambjent marbut mal-fdalijiet mill-merkanzija u mal-ilma tal-ħasil tat-tankijiet li jkun fih prodotti persistenti li jżommu f'wiċċ l-ilma li jkollhom viskożità għolja u/jew punt għoli tat-tidwib);
 - b) il-Kodiċi Internazzjonali dwar il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet waqt il-Kontrolli ta' Bastimenti ta' Tagħbija bl-Ingrossa u Tankers taż-Żejt, 2011 ("Il-Kodiċi ESP 2011");
 - c) il-Kodiċi Internazzjonali tat-Tagħmir għas-Salvataġġ ("Il-Kodiċi LSA");
 - d) ir-Reġistri tat-Tagħmir (il-Formoli C, E u P tal-appendiċi tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar ("SOLAS"));
 - e) il-partijiet A u A-1 tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Vapuri li jużaw il-Gassijiet jew Karburanti Oħrajn b'Punt ta' Fjammabbiltà Baxx ("il-Kodiċi IGF").
3. Dawk l-emendi, li huma mistennija li jiġu adottati waqt l-MEPC 74 (13-17 ta' Mejju 2019) u l-MSA 101 (5-14 ta' Ġunju 2019), ikunu kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, id-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², ir-Regolament (UE) Nru 530/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/773⁴, id-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ u d-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶.

¹ Id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11).

² Id-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija (ĠU L 332, 28.12.2000, p. 81).

³ Ir-Regolament (UE) Nru 530/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar l-introduzzjoni aċċellerata ta' rekwiżiti ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed (ĠU L 172, 30.6.2012, p. 3).

⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/773 tal-15 ta' Mejju 2018 dwar id-disinn, il-konstruzzjoni u l-prestazzjoni u l-istandards tal-ittejtjar għat-tagħmir tal-baħar u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/306 (ĠU L 133, 30.5.2018, p. 1).

⁵ Id-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 146).

⁶ Id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1).

ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

4. Il-proposta ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu fit-3 u t-12 ta' April 2019. Fil-laqgħa tat-12 ta' April, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu qabel dwar it-test.
5. Il-Kummissjoni esprimiet tħassib dwar xi wħud mill-emendi li saru għall-proposta oriġinali tagħha u ħabbret l-intenzjoni tagħha li tagħmel dikjarazzjoni għall-minuti tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u tal-Kunsill.
6. Id-Danimarka u r-Renju Unit għad għandhom riżervi ta' skrutinju parlamentari dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.

KONKLUŻJONI

7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/il-Kunsill huma mistiedna jadottaw id-Deċiżjoni kif tinsab fid-dokument ST 8675/19, imħejji mill-ġuristi lingwisti.
